Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 27 ta' Novembru 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**Versus**

**Gordon Camenzuli**
**(498671M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Gordon Camenzuli**, detentur tal-Karta tal-Identita' Nru 498671M.

Akkuzat talli nhar it-28 ta' Jannar 2023, ghall-habta ta' 01:20hrs gewwa l-istabiliment bl-isem Carcass, sitwat gewwa Triq Strada Stretta, il-Belt Valletta, bhala l-persuna responsabbli :

1. Daqq muzika f' post kummercjali, kif awtorizzat taht il-paragrafu (a) u (b), kellu minkejja l -limitazzjonijiet ta' zmien provduti fl-imsemmija paragrafi, fejn ikun permess f'post kummercjali li jinsab fiz-zoni tal-Belt Valletta ndikati fit-Tielet Skeda sas-1.00am. Postijiet kummercjali li jinsabu fil-Belt Valletta ndikati fit-Tielet Skeda, ghandhom jithallew jestendu l-hinijiet tax-xoghol taghhom sas-2.00a.m. jew kwalunkwe hin kif awtorizzat minn xi permess validu iehor mahrug favur kwalunkwe post kummercjali bhal dan. Meta tindaqq muzika f'post kummercjali li ghalih japplika dan il-paragrafu wara l-11.00p.m, il-volum ta' dik il-muzika ghandu jinzamm moderat. L-ebda muzika ma ghandha tindaqq barra wara s-1.00a.m. (Reg. 6(4)(ca), L.S. 441.08).

2. Ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' PS 2250 A. Bunce inkarigata minn servizz pubbliku, jew ma hallihiex jew fixkilha waqt li kienet taghmel id-dmirijiet taghha, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirha, billi ma halliex lil

> haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gibt fix-xejn jew hassart dak li haddiehor ikun ghamel skont il -ligi. (Art. 338(ee), Kap. 9).

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda ta' l-imputat Gordon Camenzuli u ta' Michaela Azzopardi.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti rat l-affidavit ta' Malcolm Zerafa, Senior Manager mal-Malta Tourism Authority li ipprezenta kopja tall-licenzja fejn Gordon Camenzuli jidher bhala registered substitute tal-fond bl-isem Carcass The City Bar. Rat ukoll l-affidavit ta' PS Amanda Bunce, li spjegat illi fit-28 ta' Jannar 2023, fis-1.50am kienet marret flimkien ma' PS2366 u PC 2016 biex taghmel spezzjoni fl-istabbilment bl-isem Carcass, li jinsab fi Triq id-Dejqa, Valletta, fejn sabu li l-muzika b'volum gholi fuq gewwa. Gie mitkellem is-sid Gordon Camenzuli, li gie ordnat jitfi l-muzika u obda dik l-ordni. Ftit hin wara regghu ghamlu spezzjoni ohra fejn irrizulta li kien rega' xeghel il-muzika b'volum gholi u fil-prezenza ta' PS2366 regghet ordnat lil Camenzuli jitfi l-muzika kompletament u gie mwissi li jekk jerga' jixghel il-muzika ser jigi mharrek, izda kif hargu mill-bieb rega' xeghel il-muzika.

Illi xehed l-imputat Gordon Camenzuli, fejn qal illi fit-28 ta' Jannar 2023, il-Pulizija kienu ghaddew fil-12.55am u qalulu biex jbaxxi l-muzika u fis-1.20am regghu ghaddew u rrabjaw mieghu ghax qalu li kienu qalulu biex jitfi l-muzika, ghalkemm hu kellu *soundproofing* u kien biss *background music*.

Illi xehdet Michela Azzopardi fejn qalet illi hi tahdem fil-bar Carcass, u fit-28 ta' Jannar 2023 kienet xoghol u f'hin minnhom il-Pulizija dahlu u qalulhom biex jbaxxu l-muzika, u wara ftit bejn is-1.00am u 1.30am regghu dahlu l-Pulizija u qalulhom li suppost kellhom jitfuh mhux ibaxxulu.

Illi Regolament 6(4)(ca), jghid specifikatament illi:

*'Meta tindaqq mużika f'post kummerċjali li għalih japplika dan il-paragrafu wara l-11.00 p.m., il-volum ta' dik il-mużika għandu jinżamm f'livell moderat. L-ebda mużika ma għandha tindaqq* ***barra*** *wara s-1.00 a.m.'*

Illi jidher mid-dokumenti pprezentati u mix-xhieda moghtija, illi l-muzika kienet qed tindaqq gewwa l-istabiliment u mhux barra, u ghalhekk il-Qorti hija konvinta illi l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' l-imputat ma gewx ppruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed tiddikjara lill-imputat **mhux hati** ta' l-akkuzi migjuba kontrih u qed tilliberah minnhom.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**